MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 836/2013

**Carmel Debono u martu Marija mart l-istess Carmel Debono**

**vs**

**Paul u Rosanne konjugi Demanuele**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Paul u Rosanne konjugi Demanuele li, permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti

thassar mandat ta’ sekwestru Nru. 1378/2012 mahrug fil-konfront taghhom minn Carmel u Marija Debono, u dan ai termini tal-Art. 836(c) u (e) tal-Kap. 12.

Rat it-twegiba tal-istess konjugi Debono li sostnew li t-talbiet tal-konjugi Demanuele ghandhom jigu michuda.

L-Art. 836(1)(c) jipprovdi ghat-thassir ta’ mandat kawtelatorju meta l-Qorti tkun sodisfatta:

> *“li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta’ att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista’ ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.”*

Is-sub inciz (e) imbaghad jipprovdi wkoll ghat-thassir:

> *“jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed.”*

Fil-kaz in ezami il-konjugi Demanuele qed joffru bhala garanzija ipoteka specjali fuq garage proprjetà taghhom.

Il-Qorti qieset fil-kuntest illi jirrizulta mid-dokument esibit illi l-valur tal-proprjetà offerta hija anqas mill-ammont li qed jigi kawtelat bil-mandat ta’ sekwestru *de quo*. Il-proprjetà nxtrat

biss sentejn ilu u ghalhekk mhux il-kaz li seta' kien hemm xi awment sostanzjali fil-valur. Inoltre, huwa ben risaput illi meta proprjetà tigi mibjugha b'subbasta fuq ordni tal-Qorti, m'hemm ebda certezza li din tikseb il-valur kollu taghha daqs li kieku nbieghet liberalment u privatament. Il-Qorti tqis inoltre illi sabiex kreditur jasal ghall-bejgh b'subbasta dan ikollu jghaddi minn hafna proceduri spendjuzi ta' hin, energija u flus sabiex jigbor dak li hu dovut lilu. Madankollu, l-proprjetà tad-debitur illum offerta b'garanzija tista' dejjem tintuza sabiex jinkiseb self minn bank ghal depozitu u b'hekk f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-konjugi Debono, id-dejn ikun jista' facilment jigi sodisfatt.

Finlament, ma ngiebet lil din il-Qorti ebda raguni valida li twassalha biex timponi garanzija kif qed tigi mitluba taghmel. Din il-Qorti ma tistax ixxejjen id-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-kreditu tieghu b'kull mod li taghtih il-ligi sakemm ma jkunux ingabu lilha ragunijiet serji, haga li f'dawn il-proceduri ma rrizultatx.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Paul u Rosanne konjugi Demanuele.

L-ispejjez jithallsu mill-konjugi Demanuele.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------